# META OMMI KELLHA LILI

*Ta'* GER. AZZOPARDI

JIEN kont it-tlittax u l-aħħar wild li kellha ommi. Igħidu li n-numru 13 hu xortih ħażina, jien għadni ma nistax naqbad sewwa għaliex għadni ngħix ħażin, ħażin! Għad li ommi kellha għaxart itfal oħra jiġru ma' djulha, il-miġja tiegħi mhux biss ma dejqithiex, iżda kienet ferħana u ħabbitni daqs li kieku kont ta' l-ewwel. Igħidu li darba qaltilhom: "Dan it-tifel ma ngawduhx daqs kemm inħobbuh", u ġara li sa ma kelli tlitt ijiem kont ġa ltim għal kollox!

Sa żmien ommi bosta mill-għarajjes li kien ikollhom il-ġenituri għaqlin kienu jieħdu n-newl bħala biċċa mid-dota, sabiex fil-ħin battal tagħhom ikunu jistgħu jinsġu biċċa ħwejjeġ għaddar. Ommi wkoll kellha newl u kull meta kien ikun vojt, għall-ħabta tal-Milied, missieri kien jarma daqsxejn ta' presepju fih, kif għamel meta twelidt jien, is sena 1910.

Dik is-sena ħabat li ħija l-kbir kellu jagħmel il-prietka tal-Bambin fil-parroċċa, għalhekk meta l-barba Salvu għadda, hu u ġej mix-xogħol, biex jifirħilna u jieħu qatra tal-magħmudija, ried bil-fors jisma' minn għand ħija din l-imbierka prietka. Ħija li ma riedx li n-nies ikunu semgħuha qabel il-waqt biex jeħles minnu u jiċċajta fl-istess ħin, tela' fuq il-banketta u beda: "*Questa Navi! Questa Betlehem Bambin twieled ġewwa Betlem, twieled fuq qabda tiben irqiqa u Grezz tittawwallu mit-tieqa*"... Il-barba Salvu ,raġel twajjeb u fidil għall-aħħar, fetaħ ħalqu kollu mistagħġeb u, meta ra lil kulħadd jidħak, induna bil-ħlejqa, sar aħmar daqs in-nar u beda jidħak mal-bqija u... "Irrid qatra oħra fuq din", qallhom. U hekk għaddiet il-magħmudija tiegħi b'ċajta familjari.

L-isbaħ waħda kienet fil-lejl tal-Milied. Xi ġirien, tfal u kbar, ġew jaraw il-presepju u billi missieri ried imur ikanta fil-parroċċa kien qed jistrieħ wara jum xogħol. Iz-zija, Alla jaħfrilha, tilmaħ lil Peppu Meżmuża għaddej biż-żaqq biex imur idur mar-raħal u jferraħ in-nies, u "Pep", qaltlu, "ejja doqqilna daqqa hawn" Peppu ġie b'imserka f'ħalqu jonfoħ il-ġild ta' kelb tal-kaċċa u jitgħawweġ biex idoqq. It-tfal imdawrin miegħu u l-kbar jidħku u jikkommentaw warajh. Ommi, li kienet ġa fuq saqajha, tindokra lili fil-benniena malli semgħet dak l-istorbju niżlet isfel biex issikkithom, ħalli ma jqajmux lil missieri; f'salt wieħed Peppu waqaf mid-daqq għax instaddlu l-betbut u hawn beda għors ta' daħk tal-kbar, fastidju taż-żgħar u nkwiet ta' Peppu għaliex ma setax isib irkabtu biex isewwi l-imbierek betbut, u la sa jieħu u lanqas jagħti gost fil-Milied imqaddes u...... lanqas ibill griżmejh b'xi qatra nbid li soltu jħallsulu......!

Dejjem niftakar fiz-zija togħxa bid-daħk kull darba li ssemmi dil-praspura.

Dak kien żmien ieħor, u dawk kienu nies oħra!